Hekk aħjar!

Ġabra ta' kliem li t-tfal tas-snin bikrin jixraq li jkunu jafu.

ABBOZZ

Napprezzaw il-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom fuq dan il-ktieb. Ibagħtu r-rispons tagħkom lill-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti, f'wieħed mill-indirizzi elettroniċi t'hawn taħt:

david.agius.muscat@ilearn.edu.mt
george.mifsud@ilearn.edu.mt
david.muscat.4@ilearn.edu.mt

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
bil-kollaborazzjoni
tad-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
fid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
http://www.kunsilltalmalti.gov.mt
http://malti.skola.edu.mt

Il-Bord Editorjali
David Agius Muscat (Uffiċjal Edukattiv tal-Malti)
George Mifsud (Uffiċjal Edukattiv tal-Malti)
David Muscat (Uffiċjal Edukattiv tal-Malti)
Tania Mangion (Uffiċjal Edukattiv għas-Snin Bikrin)
Rose Marie Privitelli (Uffiċjal Edukattiv għas-Snin Bikrin)
Olvin Vella (Id-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta)
Manwel Mifsud (Id-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta)
Thomas Pace (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti)

Ħajr lil dawn l-għalliema:
Marlon Barbara, Sharon Micallef Cann, Abijel Dingli, Ina Cutajar, Alan Saliba, Claire Zerafa, Phyllis Debono, Salvina Muscat, Maria Casaletto, Emilia Fenech, Salvina Gauci, Marica Casaletto, Janella Penza, Anne Bonnici, Tania Muscat, Tony Pace, Lina Caruana, Agnes Scicluna, Rita Gatt, Maria Vella, Denise Cutajar, Connie Farrugia, Maria Buhagiar, Sylvianne Cutajar, Samantha Mamo, Nadine Fenech, Sylvana Zarb, Charmaine Borg, Charlene Tanti, Stefania Aquilina, Marisa Ben Hadj Khalifa, Caroline Chetcuti, Alison Spiteri, Graziella Micallef.

Ħajr ukoll lil Daniela Mercieca (Il-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Malta)

L-ewwel edizzjoni 2013
DAN HUWA ABBOZZ GĦALL-KONSULTAZZJONI

Dan il-ktejjeb jitqassam b'xejn u jista' jiġi ffotokopjat. Issibuh ukoll fuq l-internet fis-siti:
http://malti.skola.edu.mt
http://www.kunsilltalmalti.gov.mt

ISBN

Il-ħsieb

Din hija ġabra ta' kliem (nomi, aġġettivi u xi espressjonijiet) maqsuma f'temi li ħdimnieha bil-ħsieb li nagħtu daqqa t'id lilkom l-għalliema li tgħallmu t-tfal tas-snin bikrin. Qed naħdmu id f'id magħkom biex it-tfal tagħna jitgħallmu sa minn ċkunithom jitkellmu b'Malti sabiħ.

Huwa dmir tagħna l-edukaturi li nrawmu attitudni pożittiva lejn l-ilsien nazzjonali u nsaħħuh bit-tagħlim informali mogħni b'riżorsi ġodda u sbieħ.

Il-ħsieb tal-ġabra huwa li l-għalliema jkunu jafu liema kliem jistgħu jdaħħlu fit-taħdit tagħhom. Bl-ebda mod ma rridu nfissru li t-tfal f'din l-età għandhom ikunu ristretti jużaw il-kliem li qed inġibu hawn biss. Żgur li hemm kliem ieħor li ma daħħalniex f'dawn il-listi u li t-tfal ikunu jafu għax ikunu jinqdew bih fi djarhom.

Fl-istess ħin din il-ġabra toffri gwida ċara lill-għalliema biex ikunu jafu liema kliem it-tfal tas-snin bikrin tajjeb li jkunu jafu sew. Niżżilna biss il-kliem li jidher li hu l-aktar użat.

Dan il-ktejjeb ma tfassalx bil-għan li t-tfal tal-kinder u s-snin bikrin ikunu mistennija jkunu jafu jiktbu l-kliem kollu msemmi fih. Mill-banda l-oħra nistennew li t-tfal ikunu jafu l-kliem imsemmi, jifhmuh u jużawh fit-taħdit tagħhom. It-tagħlim formali tal-kitba u tal-qari jilħaq il-milja tiegħu fis-snin li jiġu wara.

Il-kliem inġabar minn għadd ta' għalliema tal-kinder, tal-ewwel sena u tat-tieni sena tal-Primarja, mill-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti u tas-Snin Bikrin, u minn letturi tal-Malti u t-tagħlim tal-Malti tal-Università. L-ewwel abbozz tal-ktieb ingħadda mill-ġdid lill-għalliema tas-snin bikrin, l-għalliema taw ir-rispons tagħhom u l-Bord Editorjali ħareġ bil-verżjoni stampata.

Dan huwa l-ewwel pass. Fis-snin li ġejjin se nkomplu mexjin magħkom. Aġġornamenti oħrajn flimkien ma' riżorsi ġodda jitniżżlu mis-sit tal-Malti: http://malti.skola.edu.mt .

Il-Bord Editorjali

Taqsir il-kliem

eżempju = eż.
plural = pl.
singular = sg.
femminil = f.
maskil = m.

Il-werrej

	Paġna
Tfal edukati	6
L-ikel u x-xorb	8
Il-ħwejjeġ li nilbsu	13
L-annimali	17
It-trasport	23
Il-kuluri	24
In-numri	25
Il-forom	29
Il-logħob u l-ġugarelli	30
Il-bini u l-inħawi	34
Bliet u rħula Maltin u Għawdxin	36
Pajjiżi madwarna u lil hinn minna	38
L-għodda u l-ħaddiema	40
Id-dar	42
Il-festi	48
Il-familja tiegħi	55
L-istaġuni	56
It-temp	57
Fil-kampanja, ħdejn il-baħar u fis-sema	58
Nibżgħu għall-ambjent	61
Il-partijiet tal-ġisem	62
L-istrumenti tad-daqq	65
Il-jiem tal-ġimgħa	66
Ix-xhur tas-sena	67
Il-ħin	68
Il-klassi tal-iskola	69
L-iskola	73
Kliem li niddeskrivu bih	75
Biblijografija	76

Kif inhu mfassal dan il-ktieb

Il-ktieb jagħti lista ta' kliem komuni li kull tifel u tifla jixraq li jkun jaf fis-snin bikrin, fi kliem ieħor mill-kinder sat-tieni sena tal-iskola primarja. Il-kliem jingħata skont suġġetti li jintgħallmu jew jiġu ttrattati fil-klassijiet tal-kinder u fl-ewwel snin tal-primarja.

F'kull paġna, għajr fit-taqsima 'Tfal edukati', tingħata lista ta' kliem fis-singular farrad waħdieni (jiġifieri ħaġa waħda jew oġġett wieħed) u l-plural. Xi minn daqqiet minbarra s-singular farrad waħdieni tal-kolonna tan-nofs, daħħalna wkoll in-nom tat-tip bl-artiklu meħmuż miegħu, fil-kolonna tax-xellug u l-plural magħdud, fil-kolonna tal-lemin. Dan għamilnieh biex ngħinu lill-qarrej jiddistingwi n-nom tat-tip, eż. ħobż, mill-farrad waħdieni, eż. ħobża u l-plural magħdud, eż. ħobżiet.

Fejn in-nom fis-singular jieħu kemm il-maskil kif ukoll il-femminil, tajniehom it-tnejn, ngħidu aħna, tabib/tabiba, re/reġina, iben/bint, prinċep/prinċipessa, attur/attriċi.

Il-kliem li biex inlissnuh nużaw il-vokali tal-leħen 'i' qed jinġieb bil-vokali tal-leħen miktuba b'tipa iżgħar, billi din ma tinkitibx meta qabilha taħbat kelma li tispiċċa b'vokali, ngħidu aħna, ⁱlbiesi, ⁱmsielet, ⁱmqass, ⁱmħadda, ⁱmsiemer.

Il-kliem bil-griż ingħata bħala referenza mhux biex jintgħallem lit-tfal, eż. ⁱrkopop

Ma' xi temi tingħata għanja jew taqbila fuq l-istess tema li tista' tintuża fit-tagħlim tal-Malti fil-klassijiet tal-Kinder.

Tfal edukati

Fis-snin bikrin it-tfal għandhom jidraw **kliem u espressjonijiet ta' tislim**. Irridu nrawmuhom jużaw lingwa sabiħa huma u jitkellmu. Għalkemm it-tfal ta' din l-età jitkellmu l-aktar f'kuntest informali, tajjeb li ndarruhom espressjonijiet li jintużaw f'ambjenti formali.

Filgħodu ngħidu:

- L-għodwa t-tajba. / Bonġu.

Waranofsinhar ngħidu:

- Il-waranofsinhar it-tajjeb.

Filgħaxija u billejl ngħidu:

- Il-lejl it-tajjeb.

Għat-tislimiet t'hawn fuq, inwieġbu:

- Lilek ukoll. / Tant ieħor.

Meta xi ħadd jagħtina xi ħaġa, ngħidu:

- Grazzi.

Biex nitolbu xi ħaġa, ngħidu:

- Jekk jogħġbok.

Biex niskużaw ruħna, ngħidu:

- Skużi. / Skużani.
- Aħfirli, ma nerġax.

Meta nirringrazzjawhom, inwieġbu:

- M'hemmx imniex. / Xejn.

Meta jċemplilna xi ħadd, ngħidu:

- Ħelow. Min int, jekk jogħġbok?

Meta niltaqgħu ma' xi ħadd, nistaqsuh:

- Kif int?

Meta jagħtas xi ħadd, ngħidulu:

- Evviva. / Il-Bambin miegħek.

Qabel l-ikla ta’ nofsinhar u ta’ filgħaxija, ngħidu:

- L-ikla t-tajba.

Meta nkunu se nħallu lil xi ħadd, ngħidulu:

- Saħħa. / Ċaw.

L-ikel u x-xorb

It-tfal jieklu ħafna tipi ta' **ikel**. L-aktar li jagħmlu huwa għall-ħobż. Dan jista' jkun:

- ħobż abjad jew ħobż ismar
- ħobż tal-Malti, ħobż tal-Franċiż jew ħobż tal-kexxun
- ħobż sħiħ jew ħobż imqatta'

Il-ħobż ikun fih il-qoxra (pl. qxur) u l-lbieba / il-qalba. Ġieli jkun fih il-ġunġlien.

Il-ħobż insibuh f'għamliet differenti, ngħidu aħna:

il-ħobż	ħobża dawra / rota / kisra / biċċa	ħames ħobżiet tliet dawriet / roti / kisriet / biċċiet
-	bezzun	żewġ[1] bziezen
-	ftira	tliet ftajjar
-	ħbejża	erba' ħbejżiet
-	panina	ħames panini / paniniet

It-tfal iħobbu l-ħobż:

- biż-żejt (bit-tadam, bil-kunserva, bit-tonn taż-żejt)
- bil-butir (bil-perżut, bil-mortadella, bis-salami, bil-ġobon)

Il-ħobż nistgħu npoġġulu:

il-fażola	fażola	ħames fażoliet
il-ħass	ħassa	żewġ ħassiet
il-kappar	kappara	erba' kappariet
it-tadam	tadama	tliet tadamiet
iż-żebbuġ	żebbuġa	sitt żebbuġiet
il-basal	basla	seba' basliet

It-tfal jieklu wkoll:

- iċ-ċereali
- il-frott
- il-ħaxix
- il-ħelu
- il-ħut
- il-laħam

[1] Fit-taħdit, minflok 'żewġ' nużaw ukoll 'ġiex', eż. ġiex ħobżiet.

F’festin (pl. festini) it-tfal jieklu wkoll:

iċ-ċikkulata	ċikkulata	żewġ ċikkulati
-	ġelat	tliet ġelati
il-ġuġù	ġuġuwa	erba’ ġuġuwiet
-	gallettina	ħames gallettini
-	kejk	sitt kejkijiet
-	maqrut	seba’ mqaret
-	pasta pasta xotta (bla krema) pasta tal-ġamm, tat-tuffieħ, tal-krema, tal-lewż	tmien pasti pasti xotti (bla krema) pasti tal-ġamm, tat-tuffieħ, tal-krema, tal-lewż
-	pastizz	seba’ pastizzi
-	pizza	żewġ pizez
-	pudina	tliet pudini
-	qassata	erba’ qassatat
-	biskuttin	ħames biskuttini

Il-pastizzi, il-qassatat u t-torti (sg. torta) jistgħu jkunu:

- tal-irkotta
- tal-ġobon
- tal-ispinaċi
- tal-piżelli

Il-kejkijiet jistgħu jkunu:

- taċ-ċikkulata
- tal-frawli
- tal-krema
- tal-vanilla
- tal-karrotti
- tal-frott
- taż-żbib

Il-ġelati jistgħu jkunu:

- tal-lembut
- tat-tazza
- tal-barmil

ġelat tal-lembut

ġelat tal-barmil

Fuq il-ġelat nistgħu nroxxu l-karawett (sg. karawetta) u nitfgħu l-ġamm u l-krema.

It-tfal iħobbu jieklu **l-ġobon**. L-iktar popolari huwa ċ-ċedar, tat-toqba, tal-qoxra ħamra, tal-bżar, tal-kaxxa, tal-pakkett, u tal-ħakk. Insibu wkoll:

-	ġbejna	żewġ ġbejniet
il-ġobon	ġobna	tliet ġobniet
l-irkotta	-	-

It-tfal jieklu wkoll **il-frott.** L-iktar li jieklu huma:

il-bambinella	bambinella	żewġ bambinelli
iċ-ċirasa	ċirasa	tliet ċirasiet
id-dulliegħ	dulliegħa	erba' dulligħat
il-bajtar	bajtra	ħames bajtriet
il-banana	banana	sitt bananiet
il-bettieħ	bettieħa	seba' bettiħat
il-frawli	frawla	tmien frawliet
il-ħawħ	ħawħa	disa' ħawħiet
il-kiwi	kiwi	għaxar kiwiet
il-lanġas	lanġasa	żewġ lanġasiet
il-larinġ	larinġa	tliet larinġiet
il-lumi	lumija	erba' lumijiet
il-mandolin	mandolina	ħames mandoliniet
it-tin	tina	sitt tiniet
it-tuffieħ	tuffieħa	seba' tuffiħat
l-għeneb	għenba	tmien għenbiet

It-tfal jieklu wkoll **il-ħaxix.** L-iktar ħaxix komuni huwa:

il-basal	basla	żewġ basliet
il-brunġiel	brunġiela	tliet brunġiliet
il-bżar	bżaru	erba' bżariet
il-faqqiegħ	faqqiegħa	ħames faqqigħat
il-ful	fulu/fula fula	sitt fuliet
il-ġidra (pl. ġdur)	ġidra	seba' ġidriet
il-ħass	ħassa	tmien ħassiet
il-ħjar	ħjara	disa' ħjariet
il-kaboċċi	kaboċċa	għaxar kaboċċiet
- iz-zunnarija	karrotta zunnarija	żewġ karrotti/karrottiet żewġ zunnarijiet
il-pastard	pastarda	tliet pastardiet
il-patata	patata	erba' patatiet
il-piżelli	piżella	ħames piżelliet
il-qaqoċċ	qaqoċċa	sitt qaqoċċiet

il-qarabagħli	qarabagħlija /qarabagħla	seba' qarabagħliet / qarabagħlijiet
il-qarafmar	qarafamra	tmien qarafamriet
il-qaratwil	qaratwila	disa' qaratwiliet
it-tadam	tadama	għaxar tadamiet
it-tewm	tewma	żewġ tewmiet
il-pitravi	pitrava	tliet pitravi
il-fażola	fażola	erba' fażoliet
l-ispinaċi	-	-

Fil-kolazzjon, it-tfal jieħdu:

fulu/fula

fulu

faqqiegħ

- **iċ-ċereali** bil-ħalib
- **il-ħobż mixwi** (sg. ħobża mixwija)
- **il-bajd** (sg. bajda)
  Il-bajda tista' tkun mgħollija (ratba jew iebsa), moqlija, imgerfxa jew froġa.

Tul il-ġurnata t-tfal jieklu:

bajda mgerfxa

- **il-laħam** (eż. tal-majjal, taċ-ċanga); jista' jkun ukoll **pulpetti** (sg. pulpetta), **braġjoli** (sg. braġjola) jew **zalzett** (sg. zalzetta)
- **it-tiġieġ**
  Mit-tiġieġa nieklu l-koxxa (pl. koxox), is-sidra, il-ġewnaħ (pl. ġwienaħ).
- **il-fenek**
  Mill-fenek nieklu l-koxxa u l-fwied.
- **il-ħut**
- **il-brodu** (eż. tat-tiġieġ jew tal-laħam)
- **il-minestra**
- **il-ħaxix mgħolli**
- **is-soppa** (pl. sopop, eż. tat-tadam, tal-karrotti, tal-faqqiegħ)
- **l-għaġin** (eż. spagetti, pinen, żibeġ, ċfuf, imqarrun, kusksu)
- **ir-ross** (eż. ross il-forn, ross bil-karì, insalata tar-ross, ross mgħolli)
- **l-istuffat** (eż. tal-fenek, tal-qarnit jew tal-laħam)
- **l-insalata** (pl. insalati)
- **l-aljotta**

It-tfal iħobbu jieklu wkoll **il-patata.** Din tista' tkun patata l-forn, patata maxx, patata moqlija (jew ċips; sg. ċipsa) u patata mgħollija.

It-tfal jixorbu:

- **l-ilma**
- **il-meraq tal-frott** jew **il-frott magħsur** (eż. laringė magħsur, frawli magħsur)
- **il-ħalib** (il-ħalib jista' jkun ukoll xkumat, tal-frawli, tal-banana, taċ-ċikkulata)
- **il-luminata** (pl. luminati / luminajjet)
- **it-te** (pl. tejiet)

ħ

ħalib taċ-ċikkulata

Salvinu
Salvinu jħobb il-brodu,
It-torta u l-imqarrun.
Iħobb anke l-minestra,
Iħobb ikun xi jkun.

Salvinu jħobb il-froġa,
Il-ħut u l-istuffat.
Salvinu tifel bravu,
M'għandux ħafna ksuħat.

Il-ħwejjeġ li nilbsu

It-tfal jilbsu:

dublett	dbielet
flokk	flokkijiet
libsa	ilbiesi
qalziet	qliezet
qmis	qomos

Fix-xitwa jilbsu:

inċirata

barnuża	barnuży
beritta	brieret
ġakketta	ġkieket
kappell	kpiepel
kowt	kowtijiet
xalla	xalel
xalpa	xalpi
inċirata	inċirati / inċirajjet
ingwanta	ingwanti par ingwanti
skufja	skufji

Fis-sajf jilbsu:

flokk tan-nofs komma

dublett	dbielet
beritta	brieret
bermuda	bermudas
flokk taċ-ċingi	flokkijiet taċ-ċingi
qmis tan-nofs komma qmis tal-komma qasira	qomos tan-nofs komma qomos tal-komma qasira
flokk tan-nofs komma flokk tal-komma qasira	flokkijiet tan-nofs komma flokkijiet tal-komma qasira
kappell	kpiepel
malja	malji
nuċċali tax-xemx	nuċċalijiet tax-xemx
xorz	xorzijiet

Dawn huma xi **ħwejjeġ ta’ taħt**:

flokk ta’ taħt taċ-ċingi	flokkijiet ta’ taħt taċ-ċingi
flokk ta’ taħt tal-komma qasira	flokkijiet ta’ taħt tal-komma qasira
flokk ta’ taħt tal-komma twila	flokkijiet ta’ taħt tal-komma twila
qalziet ta’ taħt	qliezet ta’ taħt

Dawn nilbsuhom f’rasna:

barnuża	barnuży
beritta	brieret
kappell	kpiepel
skufja	skufji

Dawn nilbsuhom f’idejna:

ingwanta	par ingwanti

Dawn nilbsuhom f’saqajna:

iż-żarbun (pl. żraben)	żarbuna	disa’ żarbuniet par żarbun
il-buz (pl. buzijiet/bwiez)	buza	żewġ buziet par buz
-	kalzetta	tliet kalzettiet par kalzetti
il-karkur (pl. krakar)	karkura	erba’ karkuriet
il-papoċċ (pl. papoċċi)	papoċċa	ħames papoċċiet
-	peduna	sitt peduniet par peduni
is-sandli (pl. sandlijiet)	sandlija	seba’ sandliet

Dawn nilbsuhom għal xi okkażjoni:

-	ċoff	ċfuf
-	ġlekk	ġlekkijiet
-	sidrija	sdieri
-	ingravata	ingravati/ingravajjet
l-ilbies (pl. [i]lbiesi)	libsa	żewġ [i]lbiesi

Qabel ma norqdu nilbsu:

-	piġama	piġami
l-ilbies ta' billejl (pl. ilbiesi ta' billejl)	libsa ta' billejl	ilbiesi ta' billejl

Xi drabi dawn jistgħu jkunu fuqna wkoll:

brazzuletta	brazzuletti
ċappetta	ċpiepet
ċintorin	ċintorini
ċurkett	ċrieket
ġiżirana	ġiżirani / ġiżirajjen
maktur	imkatar
misluta	imsielet
nuċċali	nuċċalijiet
arloġġ	arloġġi

Għall-baħar nilbsu l-**malja** u n-**nuċċali tax-xemx**, nidilku l-**krema kontra x-xemx** u nieħdu magħna l-**maskra**, id-**dudu** u n-**nuċċali tal-baħar.**

id-dudu

Xi nies għal xogħolhom jilbsu **l-uniformi** (pl. uniformijiet):

bandist bandista	bandisti
kok koka	koki
pilota	piloti
pulizija	pulizija
pustier pustiera	pustiera
suldat	suldati
baħri	baħrin
tifel tal-iskola tifla tal-iskola	tfal tal-iskola
xufier / sewwieq xufiera / sewwieqa	xufiera /sewwieqa

infermier infermiera	infermiera
gwardjan lokali gwardjana lokali	gwardjani lokali

Dawn għandhom l-ilbies tagħhom ukoll:

qassis	qassisin
soru	sorijiet
patri	patrijiet
isqof	isqfijiet
abbati abbatina	abbatini

L-annimali

Dawn huma l-**annimali** (sg. annimal) ewlenin li naraw fil-gżejjer Maltin:

-	gendus baqra	gniedes żewġ baqriet ħafna baqar
-	farfett il-lejl	tliet friefet il-lejl
-	fenek fenka	fniek
-	ġurdien ġurdiena	ġrieden
il-gremxul	gremxula	żewġ gremxuliet
-	ħanżir ħanżira	ħnieżer
-	ħmar ħmara	ħmir
-	kelb kelba	klieb
-	lifgħa	lifgħat
-	bodbod mogħża	bdabad tliet mogħżiet ħafna mogħoż
-	papra	papri
-	qanfud	qniefed
-	qattus qattusa	qtates
il-wiża’	wiżgħa	wiżgħat
il-wiżż	wiżża	wiżżiet
-	muntun nagħġa	imtaten disa’ nagħġiet ħafna nagħaġ
-	serp	sriep
-	serduq tiġieġa	sriedaq żewġ tiġiġiet ħafna tiġieġ
-	żiemel debba	żwiemel
	poni ponija	ponijiet
-	żrinġ	żrinġijiet
-	għasfur għasfura	għasafar

Iż-żiemel jgħix **fl-istalla** (pl. stalel) u n-nagħaġ u l-mogħoż **fil-maqjel** (pl. imqawel).
Il-kelb jorqod **fil-kaxxa** (pl. kaxxi/kaxex) u l-qattus **fil-qoffa** (pl. qfief).

Ġanni l-bidwi
Ġanni l-bidwi razzett għandu,
fih irabbi l-annimali.
Mogħża u ħmara fih insibu,
kif ukoll xi sitt majjali.

Għandu żiemel abjad kollu
baqra smina u tal-ħalib.
Tiġieġ, flieles u kelb iswed,
li ta' dawn huwa l-ħabib.

Il-Bewsa ta' Toninu
Waqt li Toninu kien qiegħed jaqra,
b'qattus maġenbu u kelb daqs naqra,
daħlet in-nanna, inkiss inkisss,
U tatu bewsa ma kif imiss.

Patri Anastasju Cuschieri

gremxula

wiżgħa

xaħmet l-art

Dawn huma xi ħlejjaq żgħar:

ħafna dubbien	dubbiena	żewġ dubbiniet
ħafna dud	dudu duda	tliet dudiet
ħafna dud tal-ħarir	dudu tal-ħarir	erba' dudiet tal-ħarir
ħafna bebbux	bebbuxu	ħames bebbuxiet
ħafna brimb	brimba	sitt brimbiet
-	farfett	seba' friefet
-	ġurat	tmien ġurati
-	grillu	disa' grilli
ħafna ħanfus	ħanfusa	għaxar ħanfusiet
-	ħanżir l-art	żewġ ħnieżer l-art
-	xaħmet l-art	tliet xaħmet l-art
-	musbieħ il-lejl	tliet imsiebaħ il-lejl
-	werżieq	erba' wrieżaq
ħafna wirdien	wirdiena	ħames wirdiniet
-	mazzarell	sitt mazzarelli
ħafna naħal	naħla	seba' naħliet
-	nannakola	tmien nannakoli
	kamaleonte	żewġ kamaleonti

ħafna nemel	nemlu nemla	disa’ nemliet
ħafna nemus	nemusa	għaxar nemusiet
ħafna żunżan	żunżana	żewġ żunżaniet

mazzarell

nannakola

ħanżir l-art

Nannakola, mur l-iskola,
aqbad siġġu u ibda għola
ġib il-pinna u l-klamar
u pinġili ras ta’ ħmar.

Iż-żunżana ddur u ddur
fuq il-bejt tal-kaċċatur
issa tasal taħt il-mina
u tagħmel żinn żann żunn

Annimali żgħar li jkollhom minn żewġ saqajn sa sitta nsejħulhom **insetti** (sg. insett).

Dawn huma xi **għasafar** (sg. għasfur) u **tajr** (sg. tajra):

-	dundjan	żewġ dundjani
ħafna gawwi	gawwija	tliet gawwijiet
ħafna ħamiem	ħamiema	erba’ ħamimiet
-	kanarin/kanal	ħames kanarini/kanali
-	kokka	sitt kokkiet/kokki
-	pagun	seba’ paguni
-	pappagall	tmien pappagalli
-	pingwin pingwina	disa’ pingwini
-	pitirross	għaxar pitirrossi
-	serduq	żewġ sriedaq
-	tiġieġa	tliet tiġiġiet ħafna tiġieġ
-	ajkla	erba’ ajkli
-	amorin	ħames amorini
-	għasfur tal-bejt	sitt għasafar tal-bejt

L-għasafar għandhom:

-	denb	dnub
-	ġewnaħ	ġwienaħ
-	munqar	[i]mnaqar

ħafna rix	rixa	żewġ rixiet

L-għasafar itiru fis-**sema** (pl. smewwiet), imma nsibuhom ukoll fil-**gaġġa** (pl. gaġeġ) jew fil-**guva** (pl. guvi).

Ħamiema Bajda
Ħamiema bajda
Jisimha Ġidi
Tiġi filgħodu
Tiekol minn idi.

Tiġi fit-tieqa,
Tidħolli ġewwa,
Sirna ninħabbu,
Sirna ħbieb sewwa.

U tibqa' fejni
Għal ħafna żmien,
Ma tħobbx tittajjar,
Ma tmur imkien.

Fl-aħħar ngħidilha,
''Mur, isa Ġidi''
Il-ġwienaħ tiftaħ,
U tmur minn idi.

Ġorġ Pisani

Dan huwa xi **ħut** (pl. ħutiet, sg. ħuta) li jgħix fil-baħar ta' madwarna:

-	kelb il-baħar	erba' klieb il-baħar
-	lampuka	ħames lampukiet
il-pixxispad	pixxispad	sitt pixxispadiet
it-tonn	tonna	seba' tonniet

kelb il-baħar

denfil

Hemm ħut li jgħix fl-**ilma mielaħ**, ngħidu aħna, fil-**baħar** (pl. ibħra). Hemm ħut li jgħix fl-ilma ħelu, ngħidu aħna, fix-**xmara** (pl. xmajjar), fl-**għadira** (pl. għadajjar) jew f'xi **akkwarju** (pl. akkwarji).

Il-ħut għandu:

-	denb	dnub
-	garġa	garġi
(pl. qxur)	qoxra	qoxriet
ix-xewk	xewka	xewkiet

Għandi ħuta
Għandi ħuta ħamra, ħamra,
Kien tahieli z-ziju Nin,
Ġewwa l-vaska togħla togħla,
Qatt ma rajt ħuta bħal din.

Trid taraha kemm tferfer denbha,
Xħin xi farka ħobż nitfgħalha,
Kemm inħobbha l-ħuta tiegħi,
Kemm nixtieq kont naf ngħum bħalha.

Dawn huma xi **ħlejjaq** oħra li nsibu fil-baħar:

ħafna bram	brama	żewġ bramiet
-	fekruna	tliet fkieren
-	granċ	erba' granċijiet
ħafna qarnit	qarnita	ħames qarnitiet
-	rizza	sitt rizziet ħafna rizzi
-	żiemel tal-baħar	seba' żwiemel tal-baħar
ħafna mħar	[i]mħara	tmien imħariet
-	stilla tal-baħar salib tal-baħar	disa' stilel tal-baħar disa' slaleb tal-baħar
-	denfil	żewġ dniefel
-	balena	tliet baleni

żiemel tal-baħar

brama

stilla tal-baħar *jew* salib il-baħar

It-tfal jisimgħu b'**annimali** oħrajn li m'għandniex fil-gżejjer Maltin. Dawn huma l-annimali ewlenin li nsibu fl-istejjer li naqrawlhom:

nagħma

ġemel	iġmla
ċerv ċerva	ċriev
ġiraff ġiraffa	ġiraffi
kangarù	kangarus
kukkudrill	kukkudrilli
lupu lupa	ˡlpup
volpi	volpijiet
tigra	tigri
xadin xadina	xadini
żebra	żebri
ˡljun ˡljunessa	ˡljuni
ˡljunfant	ˡljunfanti
ors orsa	orsijiet
nagħma	nagħmiet

Ħafna snin ilu kien hawn id-**dinosawri** (sg. dinosawru). Fil-leġġendi t-tfal jisimgħu bid-**dragun** (pl. draguni) u l-**mostru** (pl. mostri).

Xi annimali għandhom:

-	qarn	qrun
-	difer	dwiefer
-	denb	dnub
is-suf	sufa	sufiet
-	ġilda	ġlud
-	tromba	trombi
-	pil	-
-	-	mustaċċi

It-trasport

Dawn għandhom żewġ **roti** (sg. rota) u nsuquhom jew insibuhom fit-toroq tagħna:

rota	roti
mutur	muturi
skuter	skuters

Dawn għandhom erba' roti jew iktar:

karozza	karozzi
gaffa	gafef
krejn	krejnijiet
romblu	rombli
vann	vannijiet
trakk	trakkijiet

It-trakkijiet u l-vannijiet ikollhom il-**kaxxa** (pl. kaxxi) fuq wara, filwaqt li quddiem ikollhom il-**kabina** (pl. kabini).

Insibu wkoll:

xarabank karozza tal-linja	xarabankijiet / xarabanks karozzi tal-linja
ferrovija	ferroviji

Għall-**ajru** għandna:

ajruplan	ajruplani
ħelikopter	ħelikopters
ballun tal-arja	blalen tal-arja

Għall-**baħar** għandna:

jott bil-qlugħ

dgħajsa	dgħajjes
jott	jottijiet
kenura	kenuri
lanċa	laneċ
vapur vapur tat-turisti	vapuri vapuri tat-turisti

kenura bil-palella u ġakketta tas-salvataġġ

Il-kuluri

Dawn huma l-**kuluri** (sg. kulur) jew l-**ilwien** (sg. lewn) l-iktar komuni mat-tfal iż-żgħar:

l-abjad	bajda abjad karti	bojod
l-aħdar	ħadra aħdar ħaxix	ħodor
l-aħmar	ħamra aħmar nar	ħomor
l-isfar	safra isfar lellux	sofor
l-iswed	sewda iswed faħma	suwed
l-ikħal	kaħla ikħal nir	koħol
il-griż	griża	griżi
il-blu	blu	blu
iċ-ċelest	ċelesta	ċelesti
il-kannella	kannella	kannella
l-oranġjo	oranġjo	oranġjo
ir-roża	roża	roża
il-vjola	vjola	vjola

Il-kuluri nsibuhom fl-**ambjent** ta' madwarna u fil-**qawsalla** (pl. qawsalel).

Xi affarijiet jistgħu jkunu wkoll **lewn id-deheb** jew **lewn il-fidda**.

Kulur jista' jkun:

Libsa ħamra tal-bellus,
Ajma kemm qamitli flus!

Siġra ħadra kollha weraq,
Żgur li tagħti frott bil-meraq.

ċar	ċari
skur	skuri
ileqq	ileqqu
jgħajjat	jgħajtu
mitfi	mitfijin

Baħar ikħal u sabiħ,
Kemm inħobb jien ngħum ġo fih.

Fjura safra tax-xemx,
Isbaħ minnha ma hemmx!

In-numri

Fis-snin bikrin it-tfal għandhom ikunu jafu, jifhmu u jgħoddu n-**numri** (sg. numru) sal-mija.

In-numri		L-ordni kronoloġika	
1		l-ewwel post	ġie l-ewwel
2	tnejn	it-tieni post	ġie t-tieni
3	tlieta	it-tielet post	ġie t-tielet
4	erbgħa	ir-raba' post	ġie r-raba'
5	ħamsa	il-ħames post	ġie l-ħames
6	sitta	is-sitt post	ġie s-sitta
7	sebgħa	is-seba' post	ġie s-sebgħa
8	tmienja	it-tmien post	ġie t-tmienja
9	disgħa	id-disa' post	ġie d-disgħa
10	għaxra	l-għaxar post	ġie l-għaxra
11	ħdax	il-ħdax-il post	ġie l-ħdax
12	tnax	it-tnax-il post	ġie t-tnax
13	tlettax	it-tlettax-il post	ġie t-tlettax
14	erbatax	l-erbatax-il post	ġie l-erbatax
15	ħmistax	il-ħmistax-il post	ġie l-ħmistax
16	sittax	is-sittax-il post	ġie s-sittax
17	sbatax	is-sbatax-il post	ġie s-sbatax
18	tmintax	it-tmintax-il post	ġie t-tmintax
19	dsatax	id-dsatax-il post	ġie d-dsatax
20	għoxrin	l-għoxrin post	ġie l-għoxrin
21	wieħed u għoxrin		
22	tnejn u għoxrin		
23	tlieta u għoxrin		
24	erbgħa u għoxrin		
25	ħamsa u għoxrin		
26	sitta u għoxrin		
27	sebgħa u għoxrin		
28	tmienja u għoxrin		
29	disgħa u għoxrin		
30	tletin		
31	wieħed u tletin		
32	tnejn u tletin		
33	tlieta u tletin		
34	erbgħa u tletin		
35	ħamsa u tletin		
36	sitta u tletin		
37	sebgħa u tletin		
38	tmienja u tletin		
39	disgħa u tletin		

40	erbgħin
41	wieħed u erbgħin
42	tnejn u erbgħin
43	tlieta u erbgħin
44	erbgħa u erbgħin
45	ħamsa u erbgħin
46	sitta u erbgħin
47	sebgħa u erbgħin
48	tmienja u erbgħin
49	disgħa u erbgħin
50	ħamsin
51	wieħed u ħamsin
52	tnejn u ħamsin
53	tlieta u ħamsin
54	erbgħa u ħamsin
55	ħamsa u ħamsin
56	sitta u ħamsin
57	sebgħa u ħamsin
58	tmienja u ħamsin
59	disgħa u ħamsin
60	sittin
61	wieħed u sittin
62	tnejn u sittin
63	tlieta u sittin
64	erbgħa u sittin
65	ħamsa u sittin
66	sitta u sittin
67	sebgħa u sittin
68	tmienja u sittin
69	disgħa u sittin
70	sebgħin
71	wieħed u sebgħin
72	tnejn u sebgħin
73	tlieta u sebgħin
74	erbgħa u sebgħin
75	ħamsa u sebgħin
76	sitta u sebgħin
77	sebgħa u sebgħin
78	tmienja u sebgħin
79	disgħa u sebgħin
80	tmenin
81	wieħed u tmenin
82	tnejn u tmenin

83	tlieta u tmenin		
84	erbgħa u tmenin		
85	ħamsa u tmenin		
86	sitta u tmenin		
87	sebgħa u tmenin		
88	tmienja u tmenin		
89	disgħa u tmenin		
90	disgħin		
91	wieħed u disgħin		
92	tnejn u disgħin		
93	tlieta u disgħin		
94	erbgħa u disgħin		
95	ħamsa u disgħin		
96	sitta u disgħin		
97	sebgħa u disgħin		
98	tmienja u disgħin		
99	disgħa u disgħin		
100	mija	il-mitt post	ġie l-mija

Kemm-il ... għandek?	
ballun	
pupa	
żewġ żewġt	ħawħiet itfal
tliet tlett[2]	siġġijiet ibniet
erba’ erbat	larinġiet ifniek
ħames ħamest	ħutiet irġiel
sitt	lapsijiet
seba’ sebat	mewġiet iħbieb
tmien tmint	tuffiħat iklieb
disa’ disat	kelmiet isriep
għaxar għaxart	lapsijiet ijiem
ħdax-il	karta
tnax-il	qattus
tlettax-il	riga
erbatax-il	siġġu
ħmistax-il	fellus

sittax-il	siġra
sbatax-il	żiemel
tmintax-il	werqa
dsatax-il	ktieb
għoxrin	baqra
wieħed u għoxrin	għasfur
tnejn u tletin	ħuta
tlieta u erbgħin	farfett
erbgħa u ħamsin	xugaman
ħamsa u sittin	sena
sitta u sebgħin	stampa
sebgħa u tmenin	dar
tmienja u disgħin	karozza
disgħa u disgħin	arblu
mitt	ewro

L-Annimali
Qed inrabbi xadin wieħed
Tista' tgħid li dejjem rieqed.

Imma sriedaq għandi tnejn,
U kuljum jieklu darbtejn.

Amorini għandi tlieta,
U kanala dejjem kwieta.

Imma qtates għandi erbgħa
U mill-ġrieden jagħmlu ħerba.

Papri bojod għandi ħamsa,
Ċuff ġol-ilma, dritt bil-qabża.

Mary Puli

Wieħed, tnejn, tlieta,
Ċetta kemm hi kwieta.
Erbgħa, ħamsa, sitta,
Ċetta kemm hi fitta.
Sebgħa, tmienja, disgħa,
Ċetta tħobb il-wisa'.
Għaxra, ħdax, tnax,
Trid tiġri u ma tistax.

Bro. Henry

[2] Minflok 'tlett' tista' tuża 'tlitt', ngħidu aħna, tlitt itfal

Il-forom

L-affarijiet li t-tfal jaraw madwarhom ikollhom **forom** (sg. forma) differenti.

Insibu:

iċ-ċirku	ċrieki
il-kwadru	kwadri
ir-rettanglu	rettangli
it-trijangolu	trijangoli
l-isfera	sferi
il-kubu	kubi
il-kubu tawwali	kubi tawwalin
il-konu jew lembut	koni/ [i] lmiebet
lċ-ċilindru	ċilindri
il-piramida	piramidi

Oġġett jista' jkun:

tond	tonda	tondi
kwadru	kwadra	kwadri
rettangolari	rettangolari	rettangolari
trijangolari	trijangolari	trijangolari
tawwali	tawwalija	tawwalin
fond	fonda	fondi
dritt	dritta	dritti
milwi	milwija	milwijin
ovali	ovali	ovali



kubu tawwali

konu *jew* lembut

Il-logħob u l-ġugarelli

Dawn huma xi **ġugarelli** (sg. ġugarell) li t-tfal l-aktar jilagħbu bihom fil-**logħob** tagħhom (sg. logħba):

ċippitatu

karozzella

pupu pupa	pupi
ors orsa	orsijiet
ajruplan	ajruplani
ħelikopter	ħelikopters
ballun	blalen
vapur	vapuri
suldat	suldati
taġen	taġnijiet/twaġen
borma	borom
barmil	bramel
kopp	koppijiet
trakk	trakkijiet
dgħajsa	dgħajjes
żiemel	żwiemel
rota	roti
mutur	muturi
ċirku	ċrieki
paletta	paletti
gaffa	gafef
arloġġ	arloġġi
ċippitatu	ċippitati
kitla	ktieli
pala	pali
raxketta	raxketti
ħadida tal-mogħdija	ħdejjed tal-mogħdija
tazza	tazzi/tazez
karozza	karozzi
rota	roti
żugraga	żugragi
karozzella	karozzelli
sett tat-te	settijiet tat-te

It-tfal ipoġġu dawn fuq **l-ixkaffa** (pl. xkafef) jew fil-**gwardarobba** (pl. gwardarobbi) jew f'xi **kexxun** (pl. kxaxen) jew fil-**kaxxa tal-ġugarelli** (pl. kaxxi/kaxex tal-ġugarelli).

It-tfal jilagħbu:

- bid-**dar tal-pupi**
- bil-**biċċiet tad-drapp** (sg. biċċa tad-drapp)
- bil-**boċċi** (sg. boċċa)
- bil-**ħabel** (pl. ħbula)
- bil-**kompjuter** (pl. kompjuters)
- bil-**plastisin**
- bir-**ramel**
- bit-**tajra** (pl. tajriet)
- biż-**żibeġ** (sg. żibġa)
- bil-**kupuni** (sg. kupun)

kupuni

It-tfal jilagħbu wkoll:

- **il-ħarba**
- **id-dawra durella**
- **il-passju**
- **il-pupu fin-nofs**
- **iż-żunżana ddur iddur**
- **kastigi**
- **noli**
- **pulizija u ħallelin**
- **min hu biha?**
- **b'pass ta' nemla u b'pass ta' ġgant**

Dawra durella
Qasba żigarella
Ċoff tal-bellus
Ċaqċaqhielu lill-għarus

Axxa, axxa,
Missieru mastrudaxxa
Mela wieħed, tnejn, tlieta...

żewġt ibniet jaqtgħu t-tokk

Biex jaqtgħu t-tokk, it-tfal jużaw:

Għalik / it-tieni jien jew
Għalija / it-tieni int
Ngħidu bimm bumm bamm jew
Ngħidu wieħed tnejn tlieta

u

Karta, ġebla jew imqass?

Biex jgħaddi l-ħin waqt vjaġġ jew ħin ta' stennija, it-tfal jilagħbu:

Qed nara b'għajnejja
imbiegħda jew ħdejja
bil-(a) tibda l-kelma,
Is' aqta' x'inhi.

Fin-noli ngħoddu n-numri sal-għoxrin u xħin nillestu ngħidu:

Ta' barra barra
U ta' ġewwa ġewwa.

in-noli

It-tfal iħobbu jmorru l-**ġnien** (pl. ġonna) jew il-**bandli** għax hemm isibu:

- **iċ-ċaqlembuta**
- **id-dawwara**
- **il-bandla** (pl. il-bandli)
- **il-kastell / it-torri**
- **iż-żiemel**
- **iż-żurżieqa** (pl. żrieżaq)

id-dawwara

iċ-ċaqlembuta

it-torri tal-logħob biż-żrieżaq

iż-żiemel

Ommi xtratli karozza ħamra,
U lil ħija karozza ħadra,
Għax l-iskola ma bkejniex,
U d-dar strobju m'għamilniex

Għandi Kaxxa Ġugarelli

Għandi kaxxa ġugarelli
Din mimlija sa fuq nett.
Għandi pupa u karozza,
U tat-te jien għandi sett.

Ballun ċkejken u safrani,
Ors jiċċaqlaq u vapur,
Hemm xadina qisha ħajja,
Pupu ħelu fuq mutur.

Il-Pupa tiegħi

Għandi pupa wisq sabiħa
Aħmar wiċċha bħala peprin
Par għajnejn minn lewn is-sena
Bħalha żgur ma ssibx ħelwin

Il-mamà bħali tlibbisha,
Mid-drapp stess tal-libsa tiegħi;
Oħti ż-żgħira nistħajjilha
Meta jien noħroġha miegħi.

Fejn immur dejjem neħodha
Għax mingħajrha ma jien xejn;
Minn fejn ngħaddi nisma' jgħidu;
''Dawna donnhom pupi t-tnejn!''

A. Mizzi

Il-bini (sg. binja) u l-inħawi (sg. naħa)

It-tfal Maltin u Għawdxin joqogħdu:

f'raħal	fl-irħula
f'belt	fl-ibliet

Fir-raħal it-tfal jaraw il-**ħwienet** (sg. ħanut):

- **tal-gazzetti**
- **tad-dwiefer**
- **tal-ħaxix**
- **tal-ħobż**
- **tal-ħwejjeġ**
- **tal-ikel**
- **tal-kompjuters**
- **tal-kotba**
- **tas-sbuħija**
- **tax-xagħar**
- **tax-xorb**
- **taż-żebgħa**
- **taż-żraben**

l-istrixxi / iż-żebra

Fl-irħula u l-ibliet insibu wkoll:

bankina	bankini
pjazza	pjazez
triq	toroq/triqat
sqaq	sqaqien
parkeġġ	parkeġġi

Fit-toroq insibu:

id-dawl tat-traffiku

iż-żebra	l-istrixxi
dawl tat-traffiku	dwal tat-traffiku
kaxxa tal-ittri	kaxxi/kaxex tal-ittri
sinjal	sinjali
tabella	tabelli
arblu tad-dawl	arbli tad-dawl
landa taż-żibel	landi / laned taż-żibel

Fl-ibliet u l-irħula nistgħu nsibu wkoll:

L-Istrixxi
Strixxi bojod, strixxi suwed,
Hemm f'xi toroq għal kulħadd.
Qabel naqsmu nersqu lejhom,
U naraw hux ġej xi ħadd.

Ikun hemm sinjali oħra,
Bozoz kbar ikkuluriti.
Ħodor, ħomor, il-kuluri
Huma l-aktar favoriti

It-Traffiku
Jien se naqsam,
Jien se naqsam.
Naqsam sew,
Naqsam sew.
Nimxi fuq l-istrixxi,
Nimxi l-istrixxi
Ma niġrix,
Ma niġrix.

bank	banek
forn	fran
ġnien	ġonna
park	parks
każin	każini
klinika	kliniki
berġa	bereġ
knisja	knejjes
sala taċ-ċinema	swali taċ-ċinema
kunsill lokali	kunsilli lokali
monti/suq	swieq
kappella	kappelli/kappelel
mużew	mużewijiet
venda	vendi/vened
għassa tal-pulizija	għases tal-pulizija
teatru	teatri
skola	skejjel
spiżerija	spiżeriji
sptar	sptarijiet
stejġ	stejġis/stejġijiet
pompa tal-petrol	pompi tal-petrol
uffiċċju postali	uffiċċji postali
kumpless tal-ħwienet	Kumplessi tal-ħwienet

Dawn huma xi **postijiet** (sg. post) fejn jgħixu l-Maltin:

dar	djar
flett	flettijiet
appartament	appartamenti
villa	vilel
razzett	[i]rziezet

It-turisti li jiġu Malta joqogħdu fil-**lukandi** (sg. lukanda).

stejġ

Bliet u Rħula Maltin u Għawdxin

It-tfal joqogħdu f'dawn l-irħula u l-ibliet:

Malta

IL-LISTA TAL-IRĦULA U L-IBLIET TA' MALTA U GĦAWDEX SE TIDDAĦĦAL F'DAWN IL-PAĠNI

Għawdex

mappa ta’ Malta u Għawdex

Pajjiżi madwarna u lil hinn minna

Il-Gżejjer Maltin jinsabu f'nofs il-Baħar Mediterran bejn il-kontinenti tal-Ewropa u l-Afrika. Il-kontinenti l-oħra huma l-Amerika, l-Asja u l-Awstralasja.

Malta	Malti	Maltija	Maltin
Għawdex	Għawdxi	Għawdxija	Għawdxin
Kemmuna	minn Kemmuna	minn Kemmuna	minn Kemmuna

Xi pajjiżi madwarna u 'l bogħod minna huma:

IL-LISTA TAL-ISMIJIET TAL-PAJJIŻI SE TIDDAĦĦAL F'DAWN IL-PAĠNI

mappa tad-dinja

L-għodda u l-ħaddiema

It-tfal jinteressawhom ħafna l-**għodod** (sg. għodda) li jintużaw waqt ix-xogħol ta' tiswija jew fil-bini. L-iktar għodda komuni huma:

kazzola	kzazel
martell	imrietel
musmar	imsiemer pakkett imsiemer
pinzell	pniezel
vit	viti kaxxa viti
rutella	rutelli
serrieq	srieraq
tnalja	tnalji
turnavit	turnaviti

Dawn kollha nsibuhom fil-**kaxxa tal-għodda** (pl. kaxxi/kaxex tal-għodda). Il-ħaddiem jaħdem fil-**garaxx (**pl. garaxxijiet) fuq il-**bank tal-għodda** (pl. bankijiet tal-għodda).

It-tfal jaraw u jiltaqgħu ma' għadd ta' ħaddiema (sg. ħaddiem/a), fosthom:

bennej bennejja	bennejja
bidwi bidwija	bdiewa
ġurnalist ġurnalista	ġurnalisti
kap tal-iskola surmast madam	kapijiet tal-iskola surmastrijiet madams
kappillan	kappillani
kennies kenniesa	kenniesa
kok koka	koki
mastrudaxxa	mastrudaxxi
mekkanik	mekkaniks
prinċipal	prinċipali
patri	patrijiet
pulizija	pulizija
purtinar purtinara	purtinara
qassis	qassisin
sagristan	sagristani
sajjied	sajjieda

gwardjan lokali

sajjieda	
soru	sorijiet
tabib tabiba	tobba
avukat avukata/avukatessa	avukati
seftur seftura	sefturi
xufier xufiera	xufiera
għalliem għalliema	għalliema
sindku	sindki
kunsillier kunsilliera	kunsilliera / kunsillieri
gwardjan gwardjana	gwardjani
superjur superjura	superjuri
katekist katekista	katekisti
furnar furnara	furnara
spiżjar spiżjara	spiżjara
pustier pustiera	pustiera
dentist dentista	dentisti

Id-dar

Id-**dar Maltija** tinbena bil-**ġebel** (sg. ġebla) u fiha nsibu:

-	ħajt	ħitan
il-madum	maduma	madumiet
-	saqaf	soqfa
-	art	artijiet

Fid-**dar** (pl. djar) insibu dawn il-**kmamar** (sg. kamra):

kamra tal-banju	kmamar tal-banju
kamra tas-sodda	kmamar tas-sodda
kċina	kċejjen
kamra tal-ikel	kmamar tal-ikel
salott	salotti
kamra tal-bejt	kmamar tal-bejt
kamra tal-imbarazz	kmamar tal-imbarazz

Jista' jkun li nsibu wkoll:

-	bejt	bjut
-	bir	bjar
-	bitħa	btieħi
-	ġnien	ġonna
-	gallarija	gallariji
-	garaxx	garaxxijiet
-	kantina	kantini
-	kuritur	kurituri
-	parapett	parapetti
it-taraġ (pl. turġien)	tarġa	żewġ tarġiet
-	xaft	xaftijiet
-	veranda	verandi

Il-Ġnien tiegħi
Kemm nixtieq kelli
Daqsxejn ta' ġnien
Biex nimlieh fjuri
Ma' kullimkien

Niżra' ftit qronfol
U ġiżimin,
Ward tax-xemx isfar
U xi peprin

Philip Grech

Kull kamra jkollha:

ventilatur

bieb	bibien
tieqa	twieqi
ventilatur	ventilaturi
swiċċ	swiċċijiet
tubu	tubi
bozza	bozoz
ċavetta	ċwievet mazz ċwievet

Fil-**kċina** (pl. kċejjen) insibu:

mejda	imwejjed
banketta	banketti
siġġu	siġġijiet

Insibu wkoll:

fruttiera

kaxxa tal-ħobż

barmil taż-żibel	bramel taż-żibel
dvalja	dvalji
forn	fran
fruttiera	fruttieri
kamoxxa	kamoxxi
kaxxa tal-ħobż	kaxxi /kaxex tal-ħobż
vit	vitijiet / vitien
sarvetta	srievet
sink	sinkijiet
tapit	tapiti/twapet
bank tal-kċina	bankijiet tal-kċina

Dawn huma xi **reċipjenti** (sg. reċipjent):

kuċċarun

passatur

dixx	dixxijiet
borma	borom
flixkun	fliexken
kikkra	kikkri
kitla	ktieli
platt	platti
plattina	plattini
taġen	twaġen/taġnijiet
tazza	tazzi/tazez
għatu	għotjien
kazzola	kzazel/kazzoli
kuċċarun	kuċċaruni
passatur	passaturi

Dawn huma xi pożati:

furketta	frieket
kuċċarina	kuċċarini
imgħarfa	imgħaref
sikkina	skieken

Fil-**kamra tal-banju** nsibu:

sapuniera

banju	banjijiet
mera	mirja
sapuniera	sapunieri
sink	sinkijiet
doxxa doċċa	doxox doċoċ
tapit	twapet/tapiti

Insibu wkoll:

-	biċċa tal-wiċċ	biċċiet tal-wiċċ
is-sapun	sapuna	sapuniet
it-terra	terra	terer
-	xugaman	xugamani

Fil-kamra tal-banju nsibu wkoll il-**kaxxa tal-mediċini** (pl. kaxxi tal-mediċini). Fiha npoġġu:

-	faxxa	faxex
il-krema	krema	kremi
il-krema tas-snien	krema tas-snien	kremi tas-snien
-	mistura	misturi
-	pillola	pilloli
it-tajjar	tajjara	tajjariet
-	imqass	imqassijiet
l-istikk	stikka	stikek/stikkiet
-	xkupilja tas-snien	xkupilji tas-snien

biċċa tal-wiċċ

xkupilja tas-snien

krema tas-snien

Fil-**kamra tas-sodda** nsibu:

banketta	banketti
gradenza	gradenzi
gwardarobba	gwardarobbi
komodina	komodini
lampa	lampi
linfa	linef
mera	mirja
pultruna	pultruni
purtiera	purtieri
siġġu	siġġijiet
sodda	sodod
twaletta	twaletti
xkaffa	xkaffi/xkafef
tapit	twapet/tapiti

Fuq is-**sodda** hemm:

kutra	kutri
gverta	gvieret
liżar	lożor
saqqu	saqqijiet
imħadda	imħaded
investa	investi

Fis-**salott** insibu:

linfa	linef
mejda	[i]mwejjed
pultruna	pultruni
vetrina	vetrini
radju	radjijiet
siġġu	siġġijiet
sufan	sufanijiet
televixin	televixins
inkwatru	inkwatri
tapit	twapet/tapiti

Fil-**kamra tal-imbarazz** insibu:

-	biċċa tal-art	biċċiet tal-art
-	barmil	bramel
-	xkupa	xkupi
is-sapun	sapuna	sapuniet
-	borża taż-żibel	boroż taż-żibel
-	pakkett	pakketti
-	mopp	moppijiet
-	pala	pali
it-trab tal-ħasil (pl. trabijiet tal-ħasil)	-	-
l-għodda	għodda	għodod

Fil-**kamra tal-bejt** insibu:

-	barmil	bramel
-	friskatur	friskaturi
-	ħabel	ħbula
-	labra tal-inxir	ħames labriet tal-inxir labar tal-inxir
is-sapun tal-ħasil	sapuna tal-ħasil	sitt sapuniet tal-ħasil
-	magna tal-ħasil	magni tal-ħasil
il-likwidu tal-ħasil	likwidu tal-ħasil flixkun likwidu tal-ħasil	-
it-trab tal-ħasil	borża/pakkett trab tal-ħasil	-
-	sink	sinkijiet
-	żiemel	żwiemel
-	pinnur	pinnuri

Fuq il-**bejt** (pl. bjut) insibu:

iż-żiemel

dixx	dixxijiet
pannell tax-xemx	pannelli tax-xemx
tank tal-ilma	tankijiet tal-ilma
antenna	antenni
arblu	arbli
ħabel tal-inxir	ħbula tal-inxir

Fil-**garaxx** (pl. garaxxijiet) insibu:

-	karozza	karozzi
l-għodda	għodda	tliet għodod
-	bank tal-għodda	bankijiet tal-għodda
-	kaxxa tal-għodda	kaxxi tal-għodda
-	rota	roti
-	arloġġ tad-dawl/ tal-ilma	arloġġi tad-dawl/ tal-ilma
-	raff	raffijiet
-	salvavita	salvaviti
-	sellum	slielem
-	pajp	pajpijiet

kaxxa tal-għodda

pajp

Il-festi

It-tfal jieħdu sehem f'**festi tradizzjonali**, fosthom il-**Milied**, il-**Ġimgħa l-Kbira**, l-**Għid**, il-**Karnival** u l-**festi tar-raħal** tagħhom.

Dan huwa kliem li għandu x'jaqsam mal-Milied:

-	dawl	dwal
-	Bambin	Bambini
il-ġulbiena	ġulbiena	żewġ ġulbiniet
il-qamħ	qamħa	tliet qamħiet
-	kartolina	kartolini
-	maxtura	maxturi
-	presepju	presepji
-	prietka	prietki
-	purċissjoni	purċissjonijiet
-	rigal	rigali
-	siġra tal-Milied	żewġ siġriet tal-Milied ħafna siġar
-	avvent	-
-	l-istilla /il-kewkba tal-Milied	stilel/ kwiekeb tal-Milied
l-għana	għanja tal-Milied	tliet għanjiet tal-Milied
-	lelliexa	lellixiet
-	novena	noveni
-	Santa Klaws	-

lelliexa

Santa Klaws

Fil-**presepju** (pl. presepji) nsibu:

-	Bambin	-
-	baqra	żewġ baqriet baqar
-	bir	bjar
il-blat	blata	tliet blatiet
-	ġemel	iġmla
-	ħmara	ħmir
-	il-Madonna	-
-	pastur	pasturi
-	nagħġa	erba' nagħġiet nagħaġ
-	ħaruf	ħamest iħrief
-	ragħaj	ragħajja
-	re sultan	rejiet slaten
-	-	is-slaten maġi
-	siġra	ħames siġriet siġar
-	anġlu	anġli
-	l-għaġeb tal-presepju	-
-	għar	għerien
-	San Ġużepp	-
-	ix-xabbatur	-
-	ir-rieqed	-
-	il-maxtura	-
it-tiben	tibna	tibniet

San Ġużepp, il-Bambin, il-Madonna, il-baqra u l-ħmara

Fil-**Milied** nieklu:

-	dundjan	dundjani
-	kejk tal-Milied	kejkijiet tal-Milied
-	pudina	pudini
ħafna qagħaq	qagħqa tal-għasel	żewġ qagħqiet tal-għasel
ħafna qastan	qastna	tliet qastniet
-	serduq	sriedaq
-	imbuljuta	-
-	zokk tal-Milied	zkuk tal-Milied

Iz-zokk tal-Milied

Il-Ġulbiena
Ommi żergħet il-ġulbiena
Fil-plattini bit-tajjar.
Insaqquhom kull filgħodu,
Inbexxuhom bl-ilma ċar.

U qgħedniehom taħt is-sodda
Ġewwa l-kaxxi ħdejn xulxin,
Biex fid-dlam ta' taħt is-saqqu
Jikbru sbieħ u bajdanin.

Ġa bdiet tnibbet, ġa bdiet tikber.
Ara naqra kemm għoliet!
Isa, isa, tiha tixrob
Għax daqt jasal il-Milied

Ninu Ninu tal-Milied
Ninu Ninu tal-Milied,
Ommu tagħmel il-qagħqiet.
Il-qagħqiet tal-qastanija,
Santu Rokku tat-tiġrija.

Għaddew il-festi kollha
Baqa' biss Santa Marija.

Dan huwa kliem li għandu x'jaqsam mal-**Għid**.

-	mejda tal-appostli	imwejjed tal-appostli
-	purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira	purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira
-	vara	vari
il-wiri	wirja	wirjiet
-	ir-Randan	-
-	salib	slaleb
it-tberik	-	-
ix-xema'	xemgħa	tliet xemgħat
-	kuruna tax-xewk	kuruni tax-xewk
is-sawm	sawma	-
-	l-Irxoxt	-
-	id-Duluri	-
-	-	is-Seba' Visti

Fir-Randan nieklu:

-	karamella tal-ħarrub	karamelli/karamelliet tal-ħarrub
-	kwareżimal	kwareżimali

Fl-Għid nieklu:

-	figolla	figolli
il-bajd tal-Għid	bajda tal-Għid	tliet bajdiet tal-Għid
il-qagħaq tal-appostli	qagħqa tal-appostli	żewġ qagħqiet tal-appostli
-	ħaruf	ħrief

Taqbila tal-Għid
Dalwaqt tasal il-festa,
Il-festa tal-figolli.
Kulħadd jagħtina waħda,
Issa tara kemm ikolli!

In-nanna ttini papra,
Il-mamà ttini serduq
Iz-zija ttini ħuta
Ara kemm għandi xi nduq!

Dan huwa kliem li għandu x'jaqsam mal-**Karnival**.

-	banda	baned
-	karru	karrijiet
-	kostum	kostumi
-	maskarat	maskarati
-	maskarun	maskaruni
-	maskra	maskri
-	żeffien żeffiena	żeffiena
iż-żfin	żifna	żewġ żifniet
-	buffu	buffi
-	ⁱrtokk	ⁱrtokki
-	sfilata	sfilati
-	re tal-Karnival reġina tal-Karnival	-

Fil-Karnival nieklu:

perlina	perlini
prinjolata	prinjolati

Fil-Karnival it-tfal ikantaw:

Maskarata tini perlina
għax warajk għandek xadina.
Minflok waħda tini tnejn,
Għax inniżżlek għatkopptejk.

Dan huwa kliem li għandu x'jaqsam mal-**festa tar-raħal**:

-	banda	baned
-	bandalora	bandalori
-	bandiera	bnadar/bandieri
il-fjur	fjura	żewġ fjuri
-	ġiġġifogu	ġiġġifogi
il-karta	karta	tliet karti
-	każin	każini
-	knisja	knejjes
-	marċ	marċi
-	murtal	murtali
-	pavaljun	pavaljuni
-	purċissjoni	purċissjonijiet
il-qubbajt	qubbajta	żewġ qubbajtiet
-	vara	vari

-	nar	-
-	suffarell	suffarelli
-	xalata	xalati
-	abbati	abbatini
l-armar	armar	-
-	arblu	arbli
-	statwa	statwi
in-nar tal-art in-nar tal-ajru	-	-

Dan huwa xi kliem marbut ma' **Jum l-Omm** u **Jum il-Missier**:

-	mamà	mamajiet
-	omm	ommijiet
-	papà	papajiet
-	missier	missirijiet
il-bews	bewsa	żewġ bewsiet
il-fjur	fjura	tliet fjuri
-	kartolina	kartolini
-	qalb	qlub
-	rigal	rigali
it-tgħanniq	tgħanniqa	żewġ tgħanniqiet
-	xewqa	xewqat

Meta t-tfal jew il-kbar jagħlqu sninhom titkanta l-għanja ***Ferħ u Awguri*** fuq il-melodija tradizzjonali tal-*Happy Birthday*:

Ferħ u awguri f'dal-jum
Għeluq sninek illum.
Ferħ u awguri lil Marta/Ruben
Ferħ u awguri f'dal-jum.

Titkanta wkoll l-għanja ta' ***Qalbhom Tajba***, fuq il-melodija tradizzjonali ta' *He's a Jolly Good Fellow*:

Kemm għandu qalbu tajba / Kemm għandha qalbha tajba (x3)
U bih aħna kburin! / U biha aħna kburin!
U biha aħna kburin! / U biha aħna kburin! (x2)
Kemm għandu qalbu tajba / Kemm għandha qalbha tajba (x3)
U bih aħna kburin! / U biha aħna kburin!

Iż-żewġ għanjiet issibhom ukoll kantati f'dan is-sit elettroniku: http://malti.skola.edu.mt/

Kliem ieħor marbut mal-awguri ta' għeluq snin jew nhar twelid xi ħadd huwa:

-	festin	festini
-	ħabib ħabiba	ħbieb
-	mistieden	mistednin

	mistiedna	
-	kappell tal-karti	kpiepel tal-karti
-	bużżieqa	bżieżaq
il-logħob	logħba	seba' logħbiet
-	rigal	rigali
-	suffara	sfafar
l-istedin	stedina	stediniet

Meta **tarbija** (pl. trabi) tagħlaq sena, nagħmlulha l-**quċċija** u nagħtuha tagħżel minn:

il-bajd	bajda	bajdiet
-	domna	domni
-	laptu	laptijiet
-	salib	slaleb
-	ballun	blalen
-	[i]mqass	[i]mqassijiet
-	sikkina	skieken
-	ktieb	kotba
-	turnavit	turnaviti
-	munita	muniti
-	lapes	lapsijiet
-	kuruna	kuruni
-	minċott	minċotti
-	petne	petnijiet

Meta nkunu rridu nawguraw lil xi ħadd nistgħu ngħidu:

- Il-Milied it-tajjeb.
- L-Għid it-tajjeb.
- Il-festa t-tajba.
- Is-sena t-tajba.
- Awguri.
- Nixtieqlek xewqat sbieħ.
- L-isbaħ xewqat.
- Nifraħlek.

Inwieġbu hekk:

- Tant ieħor *jew* Lilek ukoll.
- Grazzi ħafna.

Fil-festa ta' San Martin, it-tfal jingħataw borza bil-ġewż, il-lewż, il-qastan u t-tin, u t-tfal ikantaw:

Ġewż, lewż, qastan, tin –
Kemm inħobbu 'l San Martin.

San Martin tal-ġewż u t-tin

Il-familja tiegħi

Dawn huma n-**nies tal-familja** tiegħi:

mamà omm	mamajiet ommijiet
papà missier	papajiet missirijiet
ġenitur	ġenituri
nannu nanna	nanniet
ziju zija	zijiet
kuġin kuġina	kuġini
neputi neputija	neputijiet
bużnannu bużnanna	bużnanniet

Jien jista' jkolli wkoll ħija, oħti jew ħuti.

Aħna nistgħu nkunu:

tarbija	trabi
tifel	subien
tifla	bniet
raġel	irġiel
mara	nisa
xiħ xiħa	xjuħ
anzjan anzjana	anzjani
omm	ommijiet
missier	missirijiet
ġenitur	ġenituri
parrinu parrina	parrini

Aħna lkoll għandna min jieħu ħsiebna u jħobbna (il-ġenituri, in-nanniet, iz-zijiet, il-ħbieb).
Dan hu kliem marbut mat-**trabi** u l-**età bikrija**:

-	flixkun	fliexken
-	gażaża	gażaża
-	ħarqa	ħrieqi
-	qlejba	qlejbiet
il-ħalib	-	-
il-kokò u l-pipì	-	-

L-istaġuni

L-istaġuni (sg. **staġun**) huma erbgħa:

- **ir-rebbiegħa**
- **is-sajf**
- **il-ħarifa**
- **ix-xitwa**

Dan huwa xi kliem marbut mal-istaġuni:

il-beraq	berqa	żewġ berqiet
ir-ragħad	ragħda	tliet ragħdiet
-	sajjetta	erba' sajjetti
is-sħab	sħaba	ħames sħabiet
ix-xita	-	-
il-maltemp	maltempata	maltempati
-	festa	festi
-	vaganza	vaganzi
is-safar	safra	safriet
-	siġra	żewġ siġriet ħafna siġar
il-weraq	werqa	werqat/werqiet
-	zokk	zkuk
il-fjur	fjura	fjuri
ir-riħ	riħ riħ fuq riħ isfel	irjieħ
-	riefnu	irwiefen
il-bnazzi	-	-
-	baħar	ibħra
il-mewġ	mewġa	mewġiet
ir-ramel	ramla	ramliet
-	turist turista	turisti
-	xemx	xmux

Fir-rebbiegħa jiftħu l-fjuri;
Il-ġnien mimli bil-kuluri.
Is-sajf jasal b'ħafna sħana
Bil-vaganzi t-tfal ferħana.
Fil-ħarifa jaqa' l-weraq;
Tiġi x-xitwa kesħa u bard,
Jidlam kmieni u jisbaħ tard.

It-temp

It-temp jista' jkun **imsaħħab, xemxi**, **bix-xita**, **bir-riħ**, **bir-ragħad, il-beraq u s-sajjetti**, **bnazzi** u **maltemp.**

Fis-sajf tagħmel ħafna **sħana** u fix-xitwa tagħmel il-**kesħa** u nħossu l-**bard**. Minħabba l-baħar madwarna għandna ħafna umditá.

Agħmel xita agħmel
Ħalli jikber il-ħaxix
Il-ħaxix intuh lill-mogħża
U l-mogħża ttina l-ħalib

Fil-Ġnien
Sema safi, u bla riħ,
Ebda sħaba, jum sabiħ.

Ġib ballun u flimkien
Niġru, niġru ġewwa l-ġnien.

Ġnien sabiħ, siġar kbar
B'dawn jifirħu t-tfal iż-żgħar

Fil-kampanja, ħdejn il-baħar u fis-sema

F'pajjiżna għandna ħafna **nħawi** (sg. naħa) sbieħ fejn immorru nistrieħu u niddevertu. It-tfal jogħxew fil-**kampanja** u f'**xatt il-baħar**.

Dan hu xi kliem marbut mal-art:

il-blat	blata	żewġ blatiet
-	fjura	tliet fjuri / fjuriet
il-lellux	lelluxa	erba' lelluxiet
il-peprin	peprina	ħames pepriniet
il-frott	frotta	seba' frottiet
il-ħaxix (pl. ħxejjex)	ħaxixa	żewġ ħaxixiet
ir-ramel	-	-
-	wied	erba' widien
-	siġra	ħames siġriet siġar
-	annimal	annimali
-	ⁱrdum	ⁱrdumijiet
-	għalqa	għelieqi
-	għar	għerien
-	għolja	għoljiet
-	żerriegħa	żewġ żerrigħat ħafna żrieragħ
-	ramla / bajja	tliet ramliet / bajjiet
-	ħajt tas-sejjieħ	ħitan tas-sejjieħ
il-ħamrija	-	-
-	għerq	għeruq

Bil-lellux it-tfal jilagħbu ''Tħobbni u ma tħobbnix?'' jew ''Ġenna u infern''.

Dan hu xi kliem marbut mal-**baħar**:

il-blat	blata	żewġ blatiet
iċ-ċagħaq	ċagħqa	tliet ċagħqiet
il-ħaxix	ħaxixa	-
il-ħut	ħuta	ħames ħutiet
il-mewġ	mewġa	sitt mewġiet
ir-raxx	-	-
l-alka	alka	alkiet
-	orizzont / xefaq	-

Meta mmorru l-baħar fis-sajf nieħdu magħna:

tapit tal-baħar

basket tal-baħar	basktijiet tal-baħar
beritta	brieret
kappell	kpiepel
xugaman	xugamani
umbrella tax-xemx	umbrelel tax-xemx
tapit tal-baħar	twapet tal-baħar

Il-baħar jista' jkun **fond**, **ma jlaħħaqlekx** jew **baxx**; **bnazzi**, **kalm**, **qisu żejt; imdardar**, **imqalleb**.

Ngħumu mill-**bagi** (sg. baga) 'l ġewwa, fejn ma jidħlux **dgħajjes** (sg. dgħajsa).

Fuq ir-ramel ikun hemm **turretta** (pl. turretti) minn fejn il-**gwardjani tal-bajja** (sg. gwardjan tal-bajja) jgħarrxu biex jaraw ikunx hemm xi ħadd jeħtieġ **l-ewwel għajnuna**. Fit-turretta jkollhom il-**ġkieket tas-salvataġġ** (sg. ġakketta tas-salvataġġ) li jlibbsuhom lil min ikun f'diffikultà. Din il-ġakketta għandna nilbsuha dejjem meta nirkbu dgħajsa jew kenura.

Mill-**gabbana** (pl. gabbani) tista' tikri jew tixtri:

- **umbrella** (pl. umbrelel),
- **tapit tal-baħar** (pl. twapet tal-baħar),
- **ġugarell** (pl. ġugarelli), ngħidu aħna, **barmil** (pl. bramel), **pala** (pl. pali), **għarbiel** (pl. għeriebel), **raxketta** (pl. raxketti), **bexxiexa** (pl. bexxixiet), **forma** (pl. forom), **ballun tal-baħar** (pl. blalen tal-baħar) u **kopp** (pl. koppijiet).

It-turretta tal-gwardjan tar-Ramla, Għawdex

barmil, pala, trakk, raxketta u forma ta' ħut fuq ir-ramel ta' bajja

Tar-rizzi waqa' l-baħar.
Tal-imħar qabeż għalih.
Tar-rizzi tela' jiġri.
Tal-imħar baqa' fil-qiegħ.

Ġużi mar il-baħar,
Bil-qasba u bil-kopp,
Biex maz-ziju Leli
Jaqbad il-ħut li jħobb.

Dan hu xi kliem marbut mas-**sema** (pl. smewwiet):

-	kewkba	kwiekeb
-	stilla	stilel
-	qamar	qmura
-	raġġ	raġġi
is-sħab	sħaba	żewġ sħabiet
-	għasfur	għasafar
ir-riħ	riħ	irjieħ
-	xemx	xmux
-	żiffa	żewġ żiffiet
l-irxiex	irxiexa	-
-	qawsalla	qawsalel
ix-xita	bexxa xita	-
iċ-ċpar	-	-
in-nida	-	-

Tlugħ ix-xemx ngħidulu: **iż-żerniq.**

Inżul ix-xemx ngħidulu: **l-għabex.**

It-temp jista' jvarja. Daqqa jkun **sabiħ** jew **bnazzi** u daqqa jkun **ikrah** jew **imsaħħab** jew **maltemp.**

qawsalla

Lellex, lellex, stilla żgħira,
Lilek infittex tant bil-ħajra.
'Il fuq fis-sħab, int trejjex tkun,
Bħal djamanta tleqq u ddur.
Lellex, lellex, stilla żgħira,
Lilek infittex tant bil-ħajra.

Bernardette De Leonardo

Nibżgħu għall-ambjent

It-tfal jitgħallmu sa minn ċkunithom li rridu nibżgħu għall-**ambjent.** Sa minn ċkunithom jibdew jiksbu kuxjenza dwar il-ħtieġa ta**l-indafa** u r-rimi taż-**żibel** fit-**tankijiet tar-riċiklaġġ** (sg. tank tar-riċiklaġġ).

L-elementi huma:

- **il-plastik**
- **l-injam**
- **il-ħġieġ**
- **il-karta**
- **il-metall**

Fil-klassi narmu ġol-**barmil taż-żibel** (pl. bramel taż-żibel) jew fil-**borża taż-żibel** (pl. boroż taż-żibel) jew fil-**borża tar-riċiklaġġ** (pl. boroż tar-riċiklaġġ) u ż-żibel imur fil-**miżbla** (pl. miżbliet). F'xi skejjel it-tfal jagħmlu l-kompost fil-**barmil tal-kompost** (pl. bramel taż-żibel).

it-tankijiet tar-riċiklaġġ

Il-partijiet tal-ġisem

Il-**bnedmin** (sg. bniedem), kif ukoll l-**annimali (**sg. annimal), għandhom partijiet komuni tal-**ġisem** (pl. iġsma).

Il-partijiet tal-ġisem esterni ewlenin huma:

-	ras	[i]rjus
-	moħħ	[i]mħuħ
ix-xagħar	xagħra	xagħriet
-	wiċċ	uċuħ
-	ħaġeb	ħuġbejn
-	ġbin	ġbien
-	widna	widnejn
-	għajn	għajnejn
-	[i]mnieħer	[i]mniħrijiet
-	ħadd	ħaddejn
-	warda tal-wiċċ	wardiet tal-wiċċ
-	ħalq	ħluq
-	xoffa	xofftejn
-	geddum	gdiedem
-	għonq	għenuq
-	spalla	spallejn, spalel
-	driegħ	dirgħajn
-	minkeb	minkbejn
-	id	idejn
-	suba’	subgħajn, swaba’
-	difer	difrejn, dwiefer
-	sider	isdra
-	żaqq	żquq
-	żokra	żokriet
-	qadd	qaddejn
-	ġenb	ġenbejn
-	dahar	idhra
-	patata	patatiet
-	-	partijiet ġenitali
-	koxxa	koxxtejn, koxox
-	riġel	riġlejn
-	sieq	saqajn
-	rkoppa	[i]rkopptejn, [i]rkopop
-	għaksa	għekiesi
-	għarqub	għerieqeb
-	suba’ tas-sieq	subgħajn, swaba’ tas-sieq

Fil-**ħalq** (pl. ħluq) insibu:

-	sinna	sinniet/snien
-	darsa	darsiet/dras
-	ilsien	ilsna
-	ħanek	-

F'**ġisimna** għandna wkoll:

is-suf	sufa	żewġ sufiet
ix-xagħar	xagħra	tliet xagħriet
l-għadam	għadma	ħames għadmiet
id-demm (pl. dmija)	-	-
-	qalb	qlub
-	vina	vini
-	muskolu	muskoli
-	ġilda	-

Minn għajnejna meta nibku jinżel id-**dmugħ** (sg. demgħa, pl. demgħat) u minn ġisimna (sg. ġisem, pl. iġsma) joħroġ l-**għaraq**.

Nara b'għajnejja
Nara b'għajnejja,
Nisma' b'widnejja,
Inċapċap b' idejja
Nimxi b'saqajja

Niekol b'ħalqi,
Bi mnieħri nxomm.
Kulma nitgħallem,
F'moħħi nżomm

Lemin u Xellug
Idejja l-leminija,
Tiġi n-naħa ta' lil hawn.
U idejja x-xellugija,
Tiġi n-naħa ta' lil hemm

Mela din il-leminija,
U din ix-xellugija,
U jaqbel nitgħallmuhom,
Kemm għalik u kemm għalija.

Għolli jdejk
Għolli jdejk, miss spallejk,
Inżel kokka u erġa' qum
Miss saqajk, miss irkopptejk,
Qis li tagħmel hekk kuljum.

Ix-**xagħar** jista' jkun:

- **twil**
- **qasir**
- **bil-ferq**
- **bil-malji** (sg. malju)
- **bit-toppu** (pl. toppi)
- **bit-troffa**
- **bil-qagħqa**
- [i]**mqanfed**
- [i]**mqaxxar**
- [i]**mtella'**
- [i]**mġiegħed**
- [i]**nnukklat** (pl. nokkli, sg. nokkla)
- **lixx**
- **maħlul**
- **marbut**
- **miżbugħ**
- [i]**mxewwek**

xagħar imġiegħed

xagħar imxewwek

Xagħarna **nomxtuh** jew **nagħmluh** jew **nippettnawh** bil-**petne** (pl. petnijiet) jew bil-**moxt** (pl. moxtijiet). Nistgħu **nibbraxxjawh** (jew **inħallsuh**) bil-**braxx** (pl. braxxijiet). Min ma jkollux xagħar ngħidu li hu **bla xagħar**, **fartas** (pl. fratas), **qargħi** jew **bil-qargħa**.

Xi rġiel iħallu:

- **il-baffi**
- **il-barbetti**
- **il-leħja**
- **il-mustaċċi**
- **id-daqna**

Xagħri
Xagħri iswed tuta u ħafif,
Mingħajr brija u nadif.
Lixx, xi drabi nippettnah,
Drabi oħra ninnokklah.

L-istrumenti tad-daqq

Dawn huma xi **strumenti** tad-daqq (sg. strument) li t-tfal jisimgħuhom u xi wħud jibdew jitgħallmuhom ukoll.

ċuqlajta

ċekċieka

ċekċieka	ċekċikiet
arpa	arpi
ċimblu	ċimbli
ċuqlajta	ċuqlajti
katuba	katubi
ġonġol/ ġolġol	ġnieġel/ġlielġel
kitarra	kitarri
klarinett	klarinetti
pjanu	pjanijiet
platt	platti
qanpiena	qniepen
vjolin	vjolini
suffara	sfafar
tamborlin	tamborlini
tanbur	tnabar
trumbetta	trumbetti
trijanglu	trijangli

tanbur

suffara

Il-jiem tal-ġimgħa

Sa minn ċkunithom it-tfal jużaw il-**jiem** (sg. jum) tal-**ġimgħa** (pl. ġimgħat). Minflok jum ngħidu wkoll **ġurnata** (pl. ġranet).

Il-jiem tal-ġimgħa
it-Tnejn
it-Tlieta
l-Erbgħa
il-Ħamis
il-Ġimgħa
is-Sibt
il-Ħadd

Ngħidu wkoll **jumejn** (mhux żewġ ġranet) u **ħmistax, ġimagħtejn** (mhux żewġ ġimgħat).

It-Tnejn nagħmlu l-ħasla
It-Tlieta ftit mogħdija
L-Erbgħa nagħmlu x-xirja
Il-Ħamis naraw liz-zija
Il-Ġimgħa nsaqqu l-qsari
Is-Sibt innaddfu d-dar
Il-Ħadd noħorġu dawra
U ngħidu l-ħin kif tar

Il-Ħadd bagħat it-Tnejn u t-Tlieta għand l-Erbgħa biex isaqsi lill-Ħamis jekk marx għand il-Ġimgħa biex jara s-Sibt hiex festa.

It-Tnejn il-ħaxix nixtru,
It-Tlieta nsajruh,
L-Erbgħa l-frott jispiċċa,
U naħsbu biex nixtruh.
Il-Ħamis reġa' magħna,
Xirja oħra nagħmlu llum,
Ħaxix u frott frisk nieklu
Kuljum, kuljum, kuljum.
Il-Ġimgħa platt minestra,
Is-Sibt xi platt għaġin,
Il-Ħadd xi pranzu nagħmlu,
B'xi fenek mimlijin.

Ix-xhur tas-sena

Sa minn ċkunithom it-tfal jitgħallmu x-**xhur** (sg. xahar) tas-sena.

Ix-xhur tas-sena
Jannar
Frar
Marzu
April
Mejju
Ġunju
Lulju
Awwissu
Settembru
Ottubru
Novembru
Diċembru

Minn **xahar** nistgħu nagħmlu **xahrejn** (mhux żewġ xhur) u minn **sena** (pl. snin) nagħmlu **sentejn** (mhux żewġ snin).

F'Jannar nibdew is-sena,
Fi Frar ikollna l-bard,
Marzu jġib il-bnazzi,
U April jagħtina l-ward.
F'Mejju riħ bil-qawwi,
Ġunju sħana biss,
Lulju bil-vaganzi,
Awwissu ngħumu spiss.
F'Settembru xi ftit beraq,
Ottubru xogħol bil-kwiet,
F'Novembru tibda l-kesħa,
Diċembru l-Milied.

Il-ħin

Tajjeb ukoll li t-tfal jitgħallmu jaqraw l-**arloġġ** (pl. arloġġi), fi kliem ieħor,

01:00	13:00	is-siegħa
02:00	14:00	is-sagħtejn
03:00	15:00	it-tlieta
04:00	16:00	l-erbgħa
05:00	17:00	il-ħamsa
06:00	18:00	is-sitta
07:00	19:00	is-sebgħa
08:00	20:00	it-tmienja
09:00	21:00	id-disgħa
10:00	22:00	l-għaxra
11:00	23:00	il-ħdax
12:00	24:00	nofsinhar/nofsillejl

Fl-arloġġ insibu l-**minutiera** (pl. minutieri), is-**sekondiera** (pl. sekondieri) u s-**sigħatiera** (pl. sigħatieri) u nkejlu l-ħin bil-**minuti** (sg. minuta), is-**sekondi** (sg. sekonda) u s-**sigħat**, (sg. siegħa). 30 minuta nsejħulhom **nofs siegħa** u 15-il minuta nsejħulhom **kwarta**.

arloġġ

Il-klassi tal-iskola

It-tfal dejjem jitilqu minn dak li jafu u minn dak li jaraw madwarhom. L-iktar ambjent li jkunu jafu meta jkun l-iskola huwa dak tal-**klassi** (pl. klassijiet) tagħhom.

Fil-klassi jsibu:

għalliem għalliema	għalliema
assistent tat-tagħlim *(LSA)* assistenta tat-tagħlim	assistenti tat-tagħlim
assistent tal-kinder assistenta tal-kinder	assistenti tal-kinder
student studenta	studenti
tifel	subien
tifla	bniet

Fil-klassi ndendlu jew inwaħħlu:

il-karta	karta	karti
-	kartellun	kartelluni
-	leħħa	leħħiet
-	ritratt	ritratti
-	tpinġija	tpinġijiet
-	stampa	stampi

Meta dawn indendluhom mal-i**spaga** nsejħulhom **denduliet** (sg. dendula). Indendluhom bil-**labar tal-inxir** (sg. il-labra tal-inxir) u l-**klippijiet/klipep/klips** (sg. klippa). Inwaħħluhom bil-**pinn** (pl. pins/pinnijiet).



leħħiet

denduliet fi klassi

il-kartellun tax-Xewqat Sbieħ

Fil-lezzjonijiet l-għalliema jużaw:

-	storja	stejjer
il-kant	kanzunetta	kanzunetti
it-taħnin	taħnina	żewġ taħniniet
It-taqbil	taqbila	tliet taqbiliet
l-għana	għanja	erba' għanjiet
it-taħriġ	taħriġa	ħames taħriġiet
-	eżerċizzju	sitt eżerċizzji
-	tqassim il-ħin/orarju	tqassimiet il-ħin/orarji

Fil-**klassi** (pl. klassijiet) naraw:

il-madum	maduma	żewġ madumiet
-	barmil taż-żibel	bramel taż-żibel
-	bieb	bibien
-	bord interattiv	bords interattivi
-	borża	boroż
-	fann	fannijiet
-	kompjuter	kompjuters
-	kexxun	kxaxen
-	ħajt	ħitan
-	mejda	imwejjed
-	pakkett	pakketti
-	printer	printers
-	purtiera	purtieri
-	saqaf	soqfa
-	siġġu	siġġijiet
-	sink	sinkijiet
-	tieqa	twieqi
-	xugaman	xugamani
-	arloġġ	arloġġi
-	xkaffa	xkafef

Dawn huma l-affarijiet tal-iskola li jkollhom bżonn it-tfal:

-	basket	basktijiet
-	gomma	gomom
-	ktieb	kotba
-	kulur	kuluri
-	lapes	lapsijiet
-	pitazz pitazz tar-rigi wesgħin pitazz tar-rigi dojoq pitazz tal-kaxxi pitazz tal-paġni vojta	pitazzi pitazzi tar-rigi wesgħin pitazzi tar-rigi dojoq pitazzi tal-kaxxi pitazzi tal-paġni vojta
-	riga	rigi
-	temprina	temprini
-	kaxxa tal-kuluri	kaxxi tal-kuluri
-	kaxxa tal-lapsijiet	kaxxi tal-lapsijiet
- werrejja	werrejja	werrejjiet
l-ispag	spaga	żewġ spagiet
il-kolla	-	-

It-tfal iħobbu jpinġu u jużaw:

-	kulur tax-xema’	kuluri tax-xema’
-	lapes tal-kulur	lapsijiet tal-kulur
iż-żeba’	iż-żebgħa	tliet żebgħat
-	pinzell	pniezel
-	paletta	paletti
-	fardal	fradal

It-tfal ipinġu fuq:

il-karta	karta	żewġ karti
-	ktieb tat-tpinġija	kotba tat-tpinġija
-	pitazz tat-tpinġija	pitazzi tat-tpinġija

Fil-**waqfa** (pl. waqfiet) mil-lezzjoni, it-tfal jieklu:

- **il-ħobż**
- **il-frott**
- **il-ħaxix**

laringġ magħsur

Huma jixorbu:

- **il-ħalib**
- **il-meraq tal-frott (il-frott magħsur)**
- **l-ilma**

Biex l-ikel iżommuh frisk ipoġġuh fil-**kaxxa tal-ikel** (pl. kaxxi/kaxex tal-ikel) jew fil-**kaxxa tal-ħobż** (pl. kaxxi/kaxex tal-ikel). Huma jimsħu jdejhom bis-**sarvetta tal-karti** (pl. srievet) jew tad-drapp.

Fil-klassi t-tfal jilagħbu:

- **bil-plastisin**
- **bil-ġugarelli**
- **bir-ramel**
- **biż-żeba’**
- **bl-għaġin/a**
- **bl-ilma**

kaxxa tal-ikel

L-iskola

It-tfal imorru l-i**skola** (pl. skejjel) kuljum. Filgħodu **jidħlu** l-iskola u waranofsinhar **jiskulaw**.

L-iskola naraw:

-	bejt	bjut
-	bitħa	btieħi
-	ġnien	ġonna
-	gallarija	gallariji
-	kappella	kappelli/kappelel
-	kċina	kċejjen
-	klassi	klassijiet
-	kuritur	kurituri
-	librerija	libreriji
-	maħżen	imħażen
-	sala	swali
-	uffiċċju	uffiċċji
-	grada	gradi
-	rampa	rampi
it-taraġ	tarġa	erba' tarġiet

Is-**sala tal-iskola** (pl. swali tal-iskola) tista' tkun ukoll **teatru** (pl. teatri). Fiha nsibu:

-	kostum	kostumi
-	palk	palkijiet
-	preżentatur preżentatriċi	preżentaturi
-	purtiera	purtieri
-	siġġu	siġġijiet
l-armar	-	-
-	udjenza	udjenzi
-	attur attriċi	atturi
-	kantant kantanta	kantanti
-	żeffien żeffiena	żeffiena

Insibu wkoll:

- **il-kamra tal-għalliema**
- **il-kamra tal-purtinar** (f. il-purtinara)
- **l-uffiċċju tas-surmast** (f. il-madam) jew **tal-kap tal-iskola**
- **l-uffiċċju tas-segretarju** (f. is-segretarja) jew **l-iskrivan/a**
- **il-klinika**

L-avviżi jitwaħħlu fil-**bord tal-avviżi** (pl. bords tal-avviżi).

Fl-uffiċċju tas-segretarji u tal-kap tal-iskola nsibu:

taqqaba

bord tal-avviżi	bords tal-avviżi
kompjuter	kompjuters
printer	printers
vetrina	vetrini
siġġu	siġġijiet
taqqaba	taqqabiet
arloġġ	arloġġi
skrivanija	skrivaniji
xkaffa	xkaffi/xkafef

Fil-**bitħa** (pl. btieħi) naraw:

lasti

bandla	bandli
żurżieqa	żrieżaq
bank	bankijiet
lasta	lasti
is-siġra	żewġ siġriet (pl. siġar)
landa taż-żibel barmil taż-żibel	laned taż-żibel bramel taż-żibel

barmil taż-żibel

Lestejt il-Basket

Lestejt il-basket,
U l-iskola ġejt,
X'niekol u x'nixrob,
Ġo fih poġġejt.

Jien ġejt l-iskola,
L-ewwel darba llum,
U jien se nibqa'
Niġi kuljum.

Kliem li niddeskrivu bih

Fil-Malti nsibu ħafna kliem li nużawh biex niddeskrivu bih. Dawn huma xi eżempji komuni, u li t-tfal tagħna għandhom jibdew jitgħallmuhom ħalli jibdew jiddeskrivu bi lsienhom dak li jaraw.

gustuż	gustuża	gustużi
ħelu	ħelwa	ħelwin
qares	qarsa	qarsin
ikrah	kerha	koroh
sabiħ	sabiħa	sbieħ
oħxon	ħoxna	ħoxnin
[i]rqiq	[i]rqiqa	[i]rqaq
bravu	brava	bravi
pastaż	pastaża	psataż

Dan il-kliem nużawh biex niddeskrivu kif tħossok.

tajjeb	tajba	tajbin
ħażin	ħażina	ħżiena
[i]mbeżża'	[i]mbeżżgħa	[i]mbeżżgħin
[i]mdejjaq	[i]mdejqa	[i]mdejqin
inkwetat	inkwetata	inkwetati
[i]rrabjat	[i]rrabjata	[i]rrabjati
kuntent / ferħan	kuntenta / ferħana	kuntenti / ferħanin
sorpriż	sorpriża	sorpriżi
skantat / mistagħġeb	skantata / mistagħġba	skantati / mistagħġbin
[i]ddispjaċut	[i]ddispjaċuta	[i]ddispjaċuti
[i]ċċassat	[i]ċċassata	[i]ċċassati
għajjien	għajjiena	għajjenin

Meta **ma nkunux f'sikkitna** ngħidu: **ma niflaħx** (pl. ma nifilħux). Wara ftit **jgħaddili** (pl. jgħaddilna).

Dan il-kliem nużawh biex niddeskrivu **l-kobor, it-tul, il-wisa', il-piż u l-mili** ta' xi ħaġa.

kbir	kbira	kbar
żgħir	żgħira	żgħar
twil	twila	twal
qasir	qasira	qosra/qsar
għoli	għolja	għoljin/għolja
baxx	baxxa	baxxi
tqil	tqila	tqal
ħafif	ħafifa	ħfief
wiesa'	wiesgħa	wisgħin/wesgħin
dejjaq	dejqa	dojoq
vojt	vojta	vojta/vojti
mimli	mimlija	mimlijin/mimlija

Biblijografija

Cassar, Miriam *Taqbila Bikrija.* Malta: Harrild Printing Press.
Cauchi, Carmel G. (1982). *Onġi Onġi Onġella.* Malta: Veritas Press.
Fenech, Victor (2006). *Do-Re-Mi, kant u logħob tat-tfal Maltin.* Malta: Kotba Merill, Promotion Services Limited.
Rhymed u l-Kulleġġ St. Edward's (2010). *Taqbiliet Maltin għall-Kbar u għaż-Żgħar.* Malta: Rhymed.
Sammut Maria Taqbil u Għanjiet. Malta: L-Iskola Primarja tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca u ċ-Ċentru tal-Litteriżmu tal-Università ta' Malta.